A.L. 103 ta' l-1991

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

Regoli ta' l-1991 li jemendaw ir-Regoli ta' l-1990 li jemendaw ir-Regoli dwar il-Proċedura tal-Bord għall-Kontroll tat-Traffiku

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 4 ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni u ta' l-Intern għamel ir-regoli li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regoli jistgħu jissejħu r-Regoli ta' l-1991 li jemendaw ir-Regoli ta' l-1990 li jemendaw ir-Regoli dwar il-Proċedura tal-Bord għall-Kontroll tat-Traffiku, u għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda mar-Regoli ta' l-1990 li jemendaw ir-Regoli dwar il-Proċedura tal-Bord għall-Kontroll tat-Traffiku, pubblikati bl-Avviż Legali 59 ta' l-1991 fis-26 ta' April, 1991 u hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regoli prinċipali".

A.L. 59 ta' l-1991.

Jemenda t-titolu gross u r-regola 1 tar-regoli prinċipali.

2. Minflok il-kliem "Regoli ta' l-1990" fir-regola 1 u fit-titolu gross tar-regoli prinċipali, għandhom jidħlu l-kliem "Regoli ta' l-1991".